**18 ta' Jannar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Elia Borg Bonaci

*versus*

Florentina Felice Gay

**Bord tal-Kera — Membri Tekniċi tal-Bord — Ritrattazzjoni — Żball — Art. 814(1) tal-Kap. 15.**

*Il-periti tal-Bord tal-Kera huma membri tal-istess tribunal, u għalhekk żball tagħhom hu żball tal-Bord; u konsegwentement istanza għar-ritrattazzjoni ta' kawża minħabba żball ma tistgħax titqies riżoluta billi jingħad li l-Bord qagħad fuq il-prova riżultanti mir-relazzjoni tal-periti.*

*Però, biex żball jagħti lok għar-ritrattazzjoni tal-kawża, jeħtieġ li jkun żball fis-sens tal-liġi in materja, ċjoè irid ikun żball materjali u manifest riżultanti minn inavvertenza tal-ġudikant u emerġenti minn sempliċi konfront tal-atti tal-kawża ma' dak li hemm dikjarat fis-sentenza, billi l-ġudikant ikun, b'mera inavvertenza materjali, naqas li jara dak li manifestament u bla dubju jirriżulta, kważi "ictu oculi", mill-atti, u mhux żball ta' kriterju jew interpretazzjoni.*

*Jekk l-iżball ikun magħmul jikkonsisti filli l-periti kkwalifikaw bħala kamra ambjent li jista' ma jkunx kamra, u li talvolta jista' wkoll ma jkunx konformi mal-eżiġenzi sanitarji biex jista' jissejjaħ kamra, il-kwistjoni tkun waħda ta' apprezzament, żbaljat jew le, da parti tal-periti; imma din ma tikkostitwix żball fis-sens li jagħti lok għar-ritrattazzjoni. Din il-kwistjoni kienet dibattibbli fil-meritu tal-kawża, imma mhix allegabbli bħala pjattaforma għar-ritrattazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat il-libell tal-intimata, li bih talbet li tiġi revokata d-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-18 ta' Jannar 1962 fil-kawża fl-ismijiet fuq indikati, billi dik is-sentenza hija suġġetta għar-ritrattazzjoni taħt id-dispost tal-art. 814(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, peress li kienet l-effett ta' żball li jidher mill-attijiet

jew mid-dokumenti tal-kawża, u konsegwentement li l-kawża tiġi trattata mill-ġdid u d-domandi oriġinali tar-rikorrent Borg Bonaci jiġu riġettati; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza tal-imsemmi Bord tat-30 ta' Ottubru 1962 li biha ċaħad it-talba tal-libellanti għar-ritrattazzjoni; bl-ispejjeż kollha (kompriżi dawk tal-proċedura tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza) kontra l-libellanti;

Rat ir-rikors li bih il-libellanti appellat mis-sentenza fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata u li t-talba kontenuta fil-libell tiġi akkordata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-libellanti qegħedha tallega li kien hemm l-iżball li jagħti lok għar-ritrattazzjoni skond l-inċis tal-art. 814 fuq ċitat, in kwantu li l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu kkunsidra bħala "kamra" ambjent li ma hux ħlief passaġġ, u li, fi kwalunkwe każ, ma jistgħax jintuża bħala kamra minħabba l-eżiġenzi sanitarji;

Fid-deċiżjoni tiegħu, mogħtija fuq ir-rikors 556 tal-1960, fil-kawża preċedenti riferita f'dawn l-atti, il-Bord, fid-deskrizzjoni tal-fond numru 64 St. John Street, Hamrun, offert bħala "alternative accomodation", kien inkluda fil-pjan ta' isfel ambjent li l-Bord sejjaħ "kamra", b'riproduzzjoni ta' dak li kienu qalu l-istess periti tal-Bord fol. 21 tergo ta' dak il-proċess. Issa, il-libellanti qegħdha tgħid li dan l-ambjent hu passaġġ, tliettax-il pied u nofs twil u wiesgħa tmien piedi u nofs, bla bibien, u jieħu d-dawl mill-bitħa nterna, in parti msaqqfa, u minn naħa l-oħra loġġa wiesgħa sitt piedi u ħames pulzieri, u dan kuntrarjament għall-eżiġenzi sanitarji;

Illi, peress li l-periti huma membri tal-istess tribunal, għalhekk hu veru li żball tagħhom hu żball tal-Bord, u li kwindi l-kwistjoni odjerna ma tistgħax titqies riżoluta billi jingħad li l-Bord qagħad fuq il-prova riżultanti mir-relazzjoni tal-periti;

Illi, però, jeħtieġ illi l-iżball ikun fis-sens tal-liġi li fuqha hi bażata t-talba għar-ritrattazzjoni, ċjoè, "inter alia", żball materjali u manifest riżultanti minn inavvertenza tal-ġudikant u emerġenti minn sempliċi konfront tal-atti tal-kawża ma' dak li hemm dikjarat fis-sentenza, billi l-ġudikant ikun, b'mera inavvertenza materjali naqas li jara dak li manifestament u bla dubju jirriżulta kważi "ictu oculi" mill-atti, u mhux żball ta' kriterju jew ta' nterpretazzjoni (ara Kollez. Vol. XXIV-I-609; Vol. XXXVIII-I-323);

Issa, fil-każ in ispeċje, il-periti tal-Bord, (u, kif ingħad, għall-finijiet ta' din il-kawża, meta wieħed jgħid periti qiesu qiegħed jgħid "il-Bord"), meta raw dak l-ambjent, tajjeb jew ħażin,bħala kriterju tagħhom, ikkunsidrawh kamra. Il-libellanti tikkunsidrah passaġġ. Għalhekk, hi kwistjoni ta' kriterju jew apprezzament, żbaljat jew le; imma ma hemm xejn fl-atti stess tal-kawża li minnu jemerġi manifestament, bla dubju ta' xejn, inkontrastabbilment u pożittivament, li dak l-ambjent hu passaġġ, u mhux kamra. Il-periti rawh, u wara din l-ispezzjoni viżwali tagħhom, ikkunsidraw dak l-ambjent bħala kamra. Jista' jkun li l-apprezzament tagħhom tal-konsistenza ta' dak l-ambjent kien żbaljal; jista' jkun li kienu ostattivi għall-konċett ta' kamra l-eżiġenti sanitarji; imma din kienet kwistjoni dibattibbli fil-meritu tal-kawża, u mhux allegabbli issa bħala pjattaforma għar-ritrattazzjoni. Difatti, il-libellanti kienet ippruvat tissollevaha bħala meritu appuntu fir-rikors tal-appell minn dik id-deċiżjoni (fol. 26 tergo proċess ta' qabel) — appell li però ġie dikjarat irritu;

Kien ikun divers il-każ kieku l-Bord semma li kien hemm kamra fil-pjan terren, u fil-fatt din il-kamra ma ġietx affattu msemmija fir-relazzjoni tal-periti, għax ineżistenti, u l-iżball tal-Bord kien hekk jirriżulta minn sempliċi riskontru tal-atti tal-kawża, i.e. tar-relazzjoni tal-periti;

Għalhekk ma kienx hemm żball fis-sens tal-liġi in materja li jagħti lok għar-ritrattazzjoni;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-libellanti u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra tagħha.